MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 1235/2002/1

**Salvu Muscat.**

**vs**

**Charles Vassallo, Joseph Vassallo u John Vassallo.**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici datata l-1 ta' Novembru 2002 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph R. Micallef fejn gie premess:-

Illi b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fit-30 ta' Gunju 1993 fil-kawza fl-ismijiet premessi, l-attur kien awtorizzat jesegwixxi s-sentenza ta' l-istess Qorti moghtija fid-19 ta' Jannar fl-istess ismijiet;

Illi mis-sentenza ta’ l-1993 ghaddew iktar mill-hames snin imsemmija fl-**artikolu 258 tal-Kap 12.**

Illi l-attur ghad ghandu nteress f’din il-kawza u li s-sentenza tigi esegwita;

Illi ghalhekk l-istess attur talab lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Prevja d-dikjarazzjoni li b’sentenza tad-19 ta’ Jannar 1990 fil-kawzi fl-istess ismijiet (Citazzjoni numru 325/89), il-konvenuti kienu ordnati fi zmien tliet xhur jaghmlu x-xoghlijiet *de quo* u fin-nuqqas l-attur jaghmel ix-xoghlijiet hu a spejjez tal-konvenuti, tirrendi l-imsemmija sentenza esegwibbli.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta’ l-attur a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph R. Micallef ghas-seduta tal-10 ta’ Marzu 2003.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti datata 20 ta’ Jannar 2003 a fol.11 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi s-sentenza li l-attur qieghed jittanta jerga’ jirrendi ezegwibbli permezz ta’ din l-procedura ma gietx ezegwita sallum unikament minhabba nuqqasijiet imputabbli lill-istess attur, u ghalhekk l-eccipjenti ma ghandhomx ibatu l-ispejjez tal-kawza.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tall-konvenuti a fol. 12 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph R. Micallef.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph Azzopardi.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn fis-seduta tas-6 ta' April 2004 meta ssejhet il-kawza deher Dr. Karmenu Mifsud Bonnici ghall-attur. Gew prezentati permezz ta' nota mill-attur zewg sentenzi. Ma deher hadd ghall-konvenuti. Inghatat sentenza. Il-kawza giet deciza.

Rat id-decizjoni tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell datata 2 ta' Mejju 2007 fejn ordnat li l-atti ta' din il-kawza jigu rinvijati ghal quddiem din il-Qorti; u l-Qorti appuntat din il-kawza ghas-smigh ghad-19 ta' Gunju 2007.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tal-25 ta' Gunju 2008 meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Karmenu Mifsud Bonnici u Dr. Paul Farrugia ghall-partijiet. Id-difensuri trattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Ottubru 2008.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha tal-process ta' l-appell

Rat atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza ghall-esekuzzjoni ta' sentenza datata 19 ta' Jannar 1990 fl-ismijiet **"Saviour sive Salvu Muscat vs Charles Vassallo et"** (Citaz. Numru 325/89/GMB) fejn l-istess konvenuti kienu gew ikkundannati jaghmlu x-xogholijiet kollha indikati fl-istess sentenza u dan fi zmien xahar mid-data tal-istess taht id-direzzjoni tal-Perit Arkitett Carmel Caccopardo u fin-nuqqas awtorizzat lill-attur jaghmel l-istess xogholijiet taht id-direzzjoni tal-istess perit a spejjez tal-konvenuti.

Illi fit-30 ta' Gunju 1993 l-attur talab li jigi awtorizzat li jesegwixxi l-istess sentenza ghaliex kienu ghaddew izjed minn tlett snin mid-data ta' l-istess u b'sentenza datata 30 ta' Gunju 2003 (Citaz. Numru 128/93/GMA) il-Qorti laqghet it-talba tal-attur b'dan li halliet in-nomina tal-Perit Carmel Cacopardo in vigore u tat zmien lill konvenuti ta' tlett xhur biex dawn jaghmlu dawn ix-xogholijiet u fin-nuqqas tawtorizza lill-attur li jaghmel dawn ix-xogholijiet huwa a spejjez tal-konvenut. Bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Illi regghet saret din il-kawza peress li fid-data meta giet prezentata din il-kawza kien ghaddew iktar minn hames snin mill-ghoti tal-istess decizjoni u allura l-istess attur talab a bazi tal-**artikolu 258 tal-Kap 12** li din is-sentenza tigi resa esegwibbli. Ghal din id-domanda l-konvenuti ma opponewx izda sostnew li ma ghandhomx ibatu spejjez ta' din il-kawza peress li din is-sentenza ma gietx esegwieta minhabba ragunijiet imputabbli lill-attur.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur kellu xi disgwid mal-perit nominat mill-Qorti (xhieda 12.03.2004) u dan ukoll jikkombaccja ma' dak li jinghad fis-sentenza fl-istess ismijiet premessi datata 30 ta' Gunju 1993. Il-konvenuti jghidu li huma lesti jaghmlu x-xoghol kif ordnat mill-Qorti kif dirett mill-istess Perit nominat mill-Qorti, izda dan ma' giex accettat mill-attur (affidavits tal-konvenuti annessi man-nota tal-konvenuti datata 7 ta' Mejju 2007). Fil-verita' pero' jirrizulta li l-istess xoghol lanqas sar mill-konvenuti taht id-direzzjoni tal-istess perit nominat mill-Qorti.

Illi minn dan kollu jirrizulta li x-xoghol ordnat fl-istess sentenza mertu tac-citazzjoni odjerna ghadu sallum ma sarx u ghalhekk ma hemmx dubju li t-talba attrici ghandha tigi milqugha. Minn naha l-ohra jidher li l-istess kellu xi disgwid mal-perit tekniku mqabbad mill-Qorti, ghalkemm jidher li xorta wahda x-xoghol lanqas sar la mill-konvenuti u lanqas mill-attur u ghalhekk din il-Qorti thoss li f'dan il-kaz kull ma din il-Qorti tista' taghmel huwa biss li tordna l-esekuzzjoni tas-sentenza mertu tac-citazzjoni odjerna, u dan dejjem taht id-direzzjoni tal-Perit Tekniku Carmel Caccopardo, b'dan li minhabba n-natura tal-kaz l-ispejjez ta' din il-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-konvenuti biss in kwantu l-istess hija b'xi mod kontrastanti ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talba attrici** biss fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tiddikjara li b'sentenza tad-19 ta' Jannar 1990 fil-kawzi fl-istess ismijiet (Citazzjoni numru 325/89), il-konvenuti kienu ordnati jaghmlu x-xoghlijiet hemm indikati fl-istess decizjoni fi zmien hemm preskritt taht id-direzzjoni u a sodisfazzjon tal-Perit Arkitett Carmel Caccopardo u fin-nuqqas l-attur gie awtorizzat jaghmel ix-xoghlijiet hu a spejjez tal-konvenuti u dan taht id-direzzjoni tal-istess perit arkitett, u ghalhekk permezz ta' din id-decizjoni din il-Qorti qed tirrendi l-imsemmija sentenza esegwibbli b'dan li taghti zmien qasir u perentorju ta' tlett (3) xhur mid-data ta' din is-sentenza sabiex il-konvenuti jesegwixxu l-istess xogholijiet ordnati fis-sentenza tad-19 ta' Jannar 1990 taht id-direzzjoni u a sodisfazzjon tal-Perit Arkitett Carmel Caccopardo u fin-nuqqas l-attur qed jigi awtorizzat sabiex taht id-direzzjoni tal-istess Perit Arkitett jaghmel ix-xoghlijiet hu a spejjez tal-konvenuti.

Bl-ispejjez ta' din id-decizjoni jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------